MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru. 574/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Pio Pisani**

**vs**

**Mark Gauci**
**Emanuele Gauci**
**Mario Gauci**

Il-Qorti ,

Rat li l-imputati Mark Gauci ta’ 28 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Muscat, imwieled Attard fl-20 ta’ Jannar, 1974, residenti ‘Sienja Flats’, Flat 1, Triq Burmarrad, Burmarrad, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 106974(M) u Emanuele Gauci ta’ 32 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Muscat, imwieled Naxxar fl-24 ta’ Jannar, 1970 u residenti ‘Magnus’, Triq il-Hobbejza, Rabat u detentur tal-karta tal-identita’ numru 62270(M) u Mario

Gauci ta’ 45 sena, bin Vincent u Maria nee Camilleri, imwieled San Pawl il-Bahar fit-3 ta’ Marzu, 1957 u residenti ‘Marjo’, Triq Burmarrad, Burmarrad, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 205857(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli :

F’ dawn il-Gzejjer u cioe fi Triq San Publiju, Burmarrad, San Pawl il-Bahar, nhar it-2 ta’ Lulju 2001 ghall-habta tas-7.30p.m., ikkagunaw ferita gravi fuq il-gisem ta’ Joseph Camilleri (I.D. 351548m) u dan kif iccertifka it-Tabib Anthony Gatt M.D. mill-isptar San Luqa liema hsara fil-gisem damet ghal aktar minn tletin gurnata jew izjed, u zammet lil Camilleri milli jmur ghax-xoghol tieghu.

Il-Qorti kienet mitluba li jekk jidrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Joseph Camilleri, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mark Gauci, Emanuel Gauci u lil Mario Gauci b’obbligazzjoni taghhom nnifishom taht penali ta’ somma flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ Novembru 2002 (esebit a fol. 24 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-7 ta Mejju 2003 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda glieda li allegatament sehhet fit-2 ta’ Lulju 2001 fi Triq San Publius, Burmarrad f’liema glieda kienu allegatament involuti it-tlett imputati u l-parti

civili Joseph Camilleri. Waqt din il-glieda kemm il-parti leza f'din il-kawza kif ukoll l-imputat Mark Gauci sofrew griehi.

Il-parti leza Joseph Camilleri xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2003 fejn qal li dakinhar tal-incident mertu tal-kawza huwa kien mar jixtri xi affarijiet mill-Koperattiva ta' Burmarrad fejn iltaqa' ma missier l-imputati Mark u Emanuel Gauci u talbu sabiex iwissi lit-tfal sabiex ma jghaddux minn fuq l-ghelieqi tieghu u qal li Guzi Gauci, missier l-imputati, hareg warajh mill-hanut u qallu sabiex ma joqghodx jghajjat ghaliex it-tfal kienu idamdmuh. Dan ix-xhud ikompli jghid lli fl-istess gurnata, izda filghaxija, huwa kien fit-trakk tieghu quddiem id-dar ghadu marbut bis-seat belt meta mar ikellmu certu Guzi Camilleri dwar ittra li huwa seta' rcieva bi zball. Waqt li kien qed jitkellem ma dan Guzi Camilleri li kien barra t-trakk man-naha tal-lemin tieghu gie l-imputat Mark Gauci b'vettura tal-marka Escort bin-numru tar-registrazzjoni FAE 073, dan tela' ma' hajt tas-sejjieh, fetah il-bieba tat-trakk, tela' fuqu u beda' jaghtih bil-ponn f'rasu u tela' fuq sidru b'irkubbtejh. Joseph Camilleri jghid li fit-trakk kellu mqass taz-zbir u shifring spanner u Mark Gauci qabad wiehed minn dawn l-ghodda u beda' jpoggih taht ghonq Camilleri u jghidlu li kien ser joqtlu. Camilleri jghid li f'dan l-istadju gie fuq il-post Emanuel Gauci, hu Mark Gauci, u dan fetah il-bieba tan-naha tax-xellug tat-trakk u qabdu minn saqajh u huwa ma seta' jaghmel xejn ghaliex kellu lill-imputat Mark Gauci qed jaqbdu minn idejh u lill-imputat Emanuel Gauci qed jaqbdu minn saqajh. Huwa qal li dawn iz-zewg imputati bdew jaghtuh daqqiet f'rasu u huwa storda u imbaghad iz-zewg imputati gibduh u harguh fit-triq u Mark Gauci qabadlu jdejh u qallu li jrid jaqlaghha minn postha. Joseph Camilleri jghid li dak il-hin hass wega' kbira izda baqa' jirrezisti u l-mara tieghu li kienet fil-gallarija cemplet lil Pulizija u lil ambulanza u sadanittant iz-zewg imputati komplew isawtuh. Wiehed mill-imputati cempel liz-ziju tieghu Mario Gauci, u cioe' it-tielet imputat f'din il-kawza, u meta dan gie fuq il-post tah daqqa ta' sieq u laqtu f'ghajnejh ix-xellugija. Joseph Camilleri jsostni li l-imputati kienu ghalqulu t-triq bil-vetturi taghhom u huwa ddecida li jmur il-policlinic jew l-Ghassa

u mar sabiex isuq it-trakk, liema trakk m’ghandux power steering, u huwa hass l-ghadma ta’ idu x-xellugija tinqala’ ‘l fuq u bl-isturdament li kellu jahseb li laqat il-vann ta’ Mark Gauci izda jghid li mhux cert. Joseph Camilleri sostna li l-genituri tal-imputati Mark u Emanuel Gauci joqoghdu vicin tieghu u qal ukoll li l-imputat Mark Gauci ghandu l-vizzju li jghaddi minn fuq l-eghlieqi tieghu b’vetturi tieghu li ma jkunux registrati u jghid li ghandu diversi pendenzi l-Qorti mal-imputati. Joseph Camilleri qal ukoll li meta giet l-ambulanza huwa ittiehed l-Isptar fejn dam rikoverat gurnata u sussegwentement gie operat fl-Isptar Capua minn Mr. Frederick Zammti Maempel peress li idu ghalqitlu hazin.

In kontro-ezami Joseph Camilleri qal li Guzi Camilleri telaq minn fuq il-post meta beda’ l-incident izda mbaghad jghid li dan telaq wara u li ghalhekk kien ra l-incident isir. Huwa jsostni wkoll li fuq il-post kien hemm certu Carmela Agius li wkoll rat l-incident isehh. Meta mistoqsi kif irnexxieulu jsuq it-trakk tieghu meta kien stordut  u meta kien qed jinzamm minn idejh u saqajh mill-imputati huwa rrisponda li rnexxielu jahrabilhom u tkaxkar lejn it-trakk u bil-biza li kellu sab l-energija sabiex isuq it-trakk. Huwa qal ukoll li laqat il-vann Escort ta’ Mark Gauci f’nofs l-istess vann. Meta gie suggerit lil Camilleri li kien filfatt hu li agredixxa lill-imputat Mark Gauci bl-imqass ghaliex kien irrabjat ghalih peress li kien ghaddielu mill-ghalqa, Camilleri innega u qal li huwa kien qabad l-imqass li kien gewwa l-kabina u wadbu l-barra ghaliex beza’ li l-imputat idahhalulu f’ghonqu u jifgaw bih. Huwa cahad li beda’ jxejjer l-imqass lejn l-imputat Marco Gauci u li kien laqtu bl-istess imqass u qal li ma kienx jaf li dan kellu griehi f’zaqqu u qal li Mark Gauci telaq minn fuq il-post tal-incident ghal xi ghaxar minuti u rega’ gie lura. Joseph Camilleri cahad li l-incident sehh meta huwa hareg mit-trakk u rega’ sostna li meta gara kollox huwa kien ghadu riekeb fit-trukk u marbut bis-seat belt.

L-imputat Mark Gauci xehed fl-udjenza tal-4 ta’ Lulju 2008 fejn spjega li dakinhar tal-incident ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu huwa tkellem ma missieru li qallu li kien iltaqa’ ma Joseph Camilleri li kien qed jallega li huwa kien

ghaddielu mill-ghelieqi tieghu. Mark Gauci jispjega li l-ghalqa ta’ Camilleri ma tmissx mal-ghelieqi propjeta’ tal-familja Gauci u huwa ghalhekk m’ghandu ebda raguni biex jghaddi minn fuq l-ghalqa ta’ Camilleri. Mark Gauci jkompli jghid li dakinhar stess ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija kien sejjer jara lil ommu li kienet toqghod vicin ta’ Joseph Camilleri u ghadda mit-triq fejn joqghod dan tal-ahhar fejn iltaqa’ ma’ Camilleri, waqaf, beda’ jitkellem mieghu u jghidlu li ma kienx ghadda mill-ghalqa tieghu u Camilleri beda’ jghidlu li huwa bully u jahseb li jista’ jaghmel li jrid. Waqt li kien qed ikellem lil Camilleri dan tal-ahhar kien riekeb fil-vann tieghu li huwa Toyota pick up b’wara miftuh meta f’hin minnhom Camilleri qabad is-shifting spanner (li huwa gharaf bhala is-shifting spanner esebit in atti u mmarkat bhala Dok. PP 2  li gie esebit mill-ex-Spettur Pio Pisani u li huwa kien eleva minn fuq il-post tal-incident), xejru lejh, laqtu fi spalltu u l-ispanner waqa’ minn idejh u mbaghad Camilleri nizel mill-vann b’imqass u xejru lejh u kkagunalu ferita f’gembu man-naha tal-lemin. Huwa dak il-hin kien migugh u beda hiereg id-demm mill-ferita u ghalhekk qabad l-imqass u gibdu minn id Camilleri u wadbu mal-art. Mark Gauci cahad li huwa kien dahal fil-kabina tat-trakk ta’ Camilleri kif allegat minn dan tal-ahhar u preciza li l-kabina hija zghira hafna u huwa li ghandu statura kbira ma kienx jidhol fiha. Mark Gauci kompla jispjega li wara ftit tal-hin gie huh Emanuel Gauci fuq il-post u Joseph Camilleri beda joffendi kemm lilu kif ukoll lil huh u mbaghad qabad it-trakk tieghu u saq ghal fuq il-vann ta’ Mark Gauci u laqtu bin-nofs tal-vann, precizament bil-kaxxa. Huwa qal li qabel dan l-incident qatt ma kellu problemi ma’ Joseph Camilleri izda kien jaf tramite terzi li dan Camilleri kien bniedem perikoluz li gieli kien involut f’incidenti vjolenti ma’ terzi.

L-imputat Emanuele Gauci wkoll xehed fl-udjenza tal-4 ta’ Lulju, 2008 fejn qal li huwa ma jafx fejn qeghdin l-ghelieqi ta’ Joseph Camilleri izda specifika li l-ghelieqi taghhom zgur ma jmissux mal-eghlieqi ta’ Camilleri u qal li huwa qatt m’ghadda minn dawn l-ghelieqi. L-imputat spjega li huwa direttur tal-kumpanijia Burmarrad Commercials u dakinhar tal-incident ghadda xi hadd u staqsih jekk huh kellux xi argument ma’ Joseph Camileri u huwa rrisponda

fin-negattiv u din il-persuna mbaghad qaltlu li dak il-hin huh kien nvolut f'argument ma dan Camilleri u Emanuel Gauci spjega li peress li kien jaf li Camilleri kien bniedem perikoluz, huwa mar immedjatament fuq il-post fejn kien gie infurmat li kien qed isehh l-argument u kif wasal fuq il-post ra lil Joseph Camilleri ixejjer imqass lejn huh Mark Gauci u ra li dan tal-ahhar kellu l-flokk imcappas bid-demm, ra lil huh jigbed l-imqass minn idejn Camilleri u ra lil dan tal-ahhar iqum minn mal-art, jirkeb fil-vann tieghu u jsuq ghal fuq il-vann ta' huh bin-naha tal-lemin tal-vann tieghu. Emanuele Gauci jkompli jghid li Camilleri mbaghad rega' nizel mill-vann u huwa dak il-hin cempel lil Pulizija li gew fuq il-post wara ftit minuti. Gauci qal ukoll li kien hemm il-mara ta' Camilleri fil-gallarija li bdiet tghidlu sabiex jieqaf u li kellhom bizzejjed inkwiet izda Camilleri kompla jghidilhom 'hekk naghmlilkom' u habat ghalih u Emanuel Gauc ghalhekk jghid lii tah daqqa sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

L-imputat Mario Gauci wkoll xehed fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2008 fejn spjega li huwa z-ziju taz-zewg ko-akkuzati l-ohra u qal li dakinhar tal-incident wasal fuq il-post mal-Pulizija u malli wasal fuq il-post ra il-vann ta' Mark Gauci milqut u ra lil dan tal-ahhar li kien liebes flokk abjad imcappas bid-demm. Mario Gauci jghid li malli rah Joseph Camilleri beda jghajru u jghidlu li daqshekk kien ser igib trukkijiet mill-Inghilterra u kliem bhal 'ghax il-Gvern tieghek tahseb li taghmel li trid'. Mario Gauci qal li huwa m'ghamel xejn hlief li rrisponda lil Camilleri bil-kliem. Huwa qal ukoll li lil Camilleri kien jafu qabel ghaliex kien tal-eta' tieghu izda qatt ma kellu inkwiet mieghu izda qal ukoll li kien jafu bhala bniedem b'hafna kwistjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-paragrafi precedenti l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet djametrikalment opposti dwar kif sehh l-incident mertu tal-kawza u ghalhekk hija kwistjoni ta' kredibilita' Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda ta' Joseph Camilleri u ta' martu Maria Dolores Camilleri ghandha dubji serji dwar il-verosomiljanza tax-xhieda moghtija minn Joseph Camilleri u minn martu anki ghaliex

irriskontrat diskrepanzi sostanzjali u rilevanti fil-verzjonijiet tal-fatti moghtija minn dawn iz-zewg xhieda. Maria Dolores Camilleri fil-fatt xehdet li hija kienet fil-gallarija tad-dar taghha meta inqala' l-incident u ghalhekk ratu jisvolgi kollu. Hija ssostni li Mark u Emanuel Gauci waslu fuq il-post f'daqqa filwaqt li zewgha xehed li l-ewwel kien gie Mark Gauci u sussegwentement gie Emanuel Gauci. Maria Dolores Camilleri xehdet li kien hemm ghodda fit-trakk ta' zewgha izda li fl-ebda hin ma rat din l-ghodda tintuza' fl-incident filwaqt li zewgha jghid li l-imputat Mark Gauci kien ghamillu l-imqas m'ghonqu u li huwa kien waddab dan l-imqass mal-art.

Il-Qort inoltre irriskontrat inezattezzi ta' certu rilevanza f'dak li xehed Joseph Camilleri. Huwa fil-fatt l-ewwel jghid li l-imputat Mark Gauci ghamillu l-imqass taz-zbir m'ghonqu izda mbaghad in kontro-ezami jghid li huwa rema' l-imqass u s-shifting spanner minn gewwa l-vann tieghu ghaliex beza' li l-imputati kienu ser jaghmluhomlu ma ghonqu. Huwa jghid li ma kienx ra feriti fuq Mark Gauci meta fil-fatt irrizulta li Joseph Camilleri instab hati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta li kien ikkaguna griehi lil Mark Gauci f'dan l-incident. Joseph Camilleri inoltre l-ewwel jghid li kien stordut u migugh hafna izda mbaghad jghid li mar fil-vann tieghu, dawwar l-isteering li m'huwiex power steering saq il-vann u l-ewwel jghid li jista' jkun li laqat il-vann ta' Mark Gauci izda mbaghad fl-istess nifs ikompli li laqat il-vann ta' Gauci f'nofsu.

Il-Qorti tirrileva inoltre li Joseph Camilleri isostni li fuq il-post tal-incident kien hemm certu Guzi Camilleri u Carmela Agius li raw l-incident isehh izda stranament dawn ix-xhieda okulari u ndipendenti ma ttellghux bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mit-tlett imputati dwar kif sehh l-incident mertu tal-kawza u ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-akkuza minnha migjuba fil-konfronti tat-tlett imputati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------